MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 57/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Azzopardi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Azzopardi detentur ta’ karta ta’ l-identita` bin-numru 13476(G) talli f’dawn il-Gzejjer, fuq il-Monti tar-Rabat, Ghawdex, fil-25 ta’ Lulju 2002, ghal habta tad-9.30 ta’ filghodu:

1. xjentement ghamel uzu ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi ADIDAS, NIKE, FERRARI, WEST, BMW-WILLIAMS u LACOSTE li fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew qieghed fic-

cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc numru ta’ brieret b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;
2. (i) talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra, jew hwejjeg u cioe` numru ta’ brieret, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bi jew taht il-Ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u (ii) b’hekk gie jopera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 120/92, kif ukoll ai termini ta’ l-Artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm, ittraffika jew espona ghal-bejgh, armi regolari minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm jew offra ghall-bejgh xi sikkina li tinfetah awtomatikament bi pressjoni ta’ l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, jew sikkina b’xafra li tohrog mill-manku jew mill-grant taghha bil-forza ta’ gravita` jew bl-applikazzjoni ta’ forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta’ buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, bi ksur ta’ l-Artikolu 25(1)(a)(b) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Jannar, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghat-tieni parti tat-tieni akkuza, u dan stante li l-azzjoni fir-rigward ta’ din il-parti tat-tieni imputazzjoni kienet (skond dik il-qorti) preskritta bit-trapass ta’ tlett xhur, ghalhekk illiberatu minn din it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni; kwantu ghall-piena, dik il-qorti, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hati Mario Azzopardi multa komplessiva ta’ Lm2000 lira (llum Ewro erbat elef sitt mija u tmienja w hamsin u erbgha w sebghin centenzmu – E4658.74); il-

qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezibiti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mario Azzopardi, minnu prezentat fis-16 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi lliberat minn kull fejn instab hati;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli huwa jikkontendi li hu ma kellu ebda indikazzjoni li l-oggetti li kien qed ipoggi ghall-bejgh kienu foloz ossia kellhom tikketti foloz b’mod li jidhru li jkunu ta’ ditti rinomati mata effettivament ma kinux. Hu jghid li tant dan hu minnu li “ipproduca d-dettalji kollha minn fejn kienu inxtraw lill-Pulizija waqt il-kors tal-investigazzjoni”. Jikkontendi wkoll li galadarba huwa stqarr mill-ewwel li hu ma kellu ebda indikazzjoni li dawn il-brieret u kpiepel kienu foloz, allura kellu japplika l-Artikolu 299 tal-Kodici Kriminali. It-tieni aggravju jirrigwarda s-skieken. Huwa jikkontendi “li dawn kienu *swiss knives* u skieken ohra domestici…u ghalhekk ma jistghux jigu kunsidrati li jaqghu taht l-Artikolu 25(1)(a) u (b) tal-Kap. 66…”. Jghid li huwa kellu l-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija biex ibiegh dawn is-skieken, u li din l-affermazzjoni tieghu ma giet b’ebda mod kontradetta mill-prosekuzzjoni.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan jirrazenta l-fieragh. Ezami ftit aktar minn semplicement superficjali tal-kpiepel u l-brieret kellu juri, anke lil min forsi, bhall-Imhallef sedenti, ma hux xi espert ta’ *designer clothing*, li dawn ma humiex genwini fis-sens li l-emblemi u l-marki huma mqieghda fuqhom ghalbiex jippruvaw iqarrqu bix-xerrej dwar l-origini vera taghhom. Dan l-aktar li jidher huwa fil-hjata ta’ xi whud minn dawn il-kpiepel u brieret u fil-hjata ta’ l-emblemi u t-tikketti. Ir-relazzjoni (fol. 75 *et seq.*) tal-perit nominat mill-ewwel qorti tkompli tikkonferma dan kollu. Appart minn hekk, huwa inkoncepibbli kif l-appellant ma setax ikun jaf li dawn huma foloz meta huwa stess

jammetti li xtrahom ghall-prezz irrizorju minnu msemmi fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija (Dok. AM). Ghalkemm f'din l-istqarrija huwa jipprova ataparsi jaghti dettalji dwar mnejn u kif xtara dawn l-oggetti, l-informazzjoni minnu moghtija – bin-nuqqas palesi ta' ricevuti fir-rigward ta' dawk l-oggetti li hu jghid li xtara minghand ditta f'Malta u bid-deskrizzjoni ta' kif xi mindaqqiet jixtri mill-idejn – hija aktar konferma li hu kien jaf li qed ibiegh prodotti b'tikketti foloz, u dan aktar u aktar fir-rigward tal-kpiepel bil-kukkudrill tal-"Lacoste", ghax huwa stesss jghid li minghand min xtrahom qallu li dan il-kukkudrill ma kienx tal-"Lacoste". Huwa veru li ma kienx tal-"Lacoste", pero` jixbhu b'tali mod li jista' jqarraq. Ghalhekk f'dan il-kaz l-agir doluz ta' l-appellant (ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298(1)(c) tal-Kap. 9) huwa mhux biss prezunt skond l-Artikolu 299 – artikolu li l-appellant qed jipprova idawwar a vantagg tieghu – izda addirittura jirrizulta pozittivament mill-provi mressqa mill-istess prosekuzzjoni. Konsegwentement dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, ghandu jinghad fl-ewwel lok li l-imwies – 14 b'kollox – ezibiti mill-Ispettur Alexandra Mamo fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2002, u li in segwitu kienu gew mghoddija lill-espert nominat mill-ewwel qorti, baqghu ma setghux jinstabu mir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex (ara l-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Gunju 2007). Minkejja dan, apparti li hemm ritratti taghhom (fol. 89) li gew ezibiti mill-imsemmi perit, hemm ukoll, fir-relazzjoni tieghu, deskrizzjoni ta' l-istess (ara fol. 81 u 82). Issa, it-tielet u raba' imputazzjonijiet jirrigwardaw reati taht l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66), illum revokata. Permezz tat-tielet imputazzjoni, Azzopardi gie akkuzat li huwa zamm jew ittraffika f'armi **regolari** minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmija Ordinanza, il-kliem "armi regolari" ghandhom l-istess tifsira li jinghataw fil-Kodici Kriminali, u senjetament fl-Artikolu 64 ta' dan il-Kodici. Huwa evidenti anke mir-ritratti li l-imwies in kwistjoni ma humiex strument li ghandu "bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor". Dawn huma strumenti intizi principalment biex wiehed jahdem bihom – jaqta' hbula, inaqqax fl-injam ecc.

– u jsiru biss armi **irregolari** meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza (Art. 64(2)). Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni. Differenti, pero`, hija l-posizzjoni ghal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni. Din tipotizza r-reat – delitt – ta' min, fost affarijiet ohra, ibejgh jew joffri ghall-bejgh, jew izomm armi perikoluzi kif hemm deskritti: *flick knives*, *gravity knives* u ponnijiet tal-hadid jew materjal iebes iehor. Mid-deskrizzjoni tal-perit aktar 'l fuq imsemmi, 10 minn dawn l-imwies kienu kjarament *flick knives* peress li x-xafra kienet tohrog awtomatikament bi pressjoni ta' l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor. Dawn, allura, la setghu jinzammu, jingarru u anqas jinbieghu; wara kollox, kif jammetti l-istess appellant fl-istqarrija tieghu, il-licenzja li kellu kienet biss biex ibiegh "cutlery knives", u ebda wahda wiehed minn dawn l-imwies ma jikkwalifika bhala tali. Kwantu ghall-erba' imwies l-ohra – tlieta tat-tip "Swiss Army Multi Purpose" u iehor ta' kulur "camouflage" hadrani u li jinfetah bl-idejn – dawn ma jaqghux taht l-Artikolu 25 imsemmi. Huwa f'dan ir-rigward biss li hemm lok ta' varjazzjoni fis-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

**(a)** thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni, u minnha tilliberah;
**(b)** thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' Ewro erbat elef sitt mija u tmienja w hamsin u erbgha w sebghin centenzmu (E4658.74) u minflok tikkundannah multa ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (E4600), konvertibbli f'sitt (6) xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi;
**(c)** thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tat-tlett imwies tat-tip "Swiss Army Multi Purpose" u l-mus ta' kulur "comouflage" hadrani – dawn ghandhom jigu ritornati lill-appellant jekk jinstabu mir-Registratur; u
**(d)** tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------